MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 442/2006/1

**Josies Bathroom Centre Limited (C 1452)**

**v.**

**Middlesea Insurance Plc**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici pprezentat fis-17 ta' Mejju, 2006 li jaqra hekk:
"(1) Illi l-attur rikorrent kellu Shop Keepers Combined Cover, polza ta' assikurazzjoni numru 0036321258891 mahruga mill-konvenuti intimati ghall-perjodu mill-4 ta' Ottubru 2004 sat 3 ta' Ottubru 2005 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument "A" sa dokument "A33".

"(2) Illi l-attur rikorrenti fl-4 ta' Lulju 2005 sofra hsarat billi s-saqaf tal-fond "Josies" Naxxar Road, Lija gie distrutt kompletament u b'konsegwenza ta' din id-distruzzjoni, il-'bathroom accessories' li kienu jinsabu fil-fond tfarrku wara t-tigrif tas-saqaf in kwistjoni u d-danni li huwa sofra kienu jammontaw ghal Lm39,465 oltre l-imghax legali mill-4 ta' Lulju 2005 u dan skond dokument "B".

"(3) Illi inoltre huwa sofra danni konsistenti fi spejjez ohra ancillari rigwardanti konsulenza, testing kif ukoll xoghol ta' rikostruzzjoni tal-istess saqaf ammontanti ghal Lm11,592.32 oltre l-imghax legali u dan skond dokumenti "C" u "D".

"(4) Illi d-danni kollha sofferti mill-attur rikorrent jammontaw ghal Lm51,057.32 oltre l-imghax legali mill-4 ta' Lulju 2005 u dan rigwardanti r-risarciment tad-danni minnhom sofferti u ghandhom jigu rifuzi l-istess ammont imsemmi a tenur tas-Shop Keepers Combined Cover, polza ta' assikurazzjoni numru 0036321258891.

"(5) Illi b'ittra ufficjali tal-25 ta' April 2006, l-attur rikorrenti interpella lill-konvenuti intimati biex jersqu ghall-hlas tad-danni minnhom sofferti pero' baqghu inadempjenti.

"Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"(1) tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici kienet koperta b'Shop Keepers Combined Cover, polza ta' assikurazzjoni numru 0036321258891 mahruga mill-konvenuti intimati u ghalhekk konsegwentement, il-konvenuti intimati huma responsabbli ghar-risarciment tal-hsarat sofferti mis-socjeta' attrici rikorrenti fit-tigrif tas-saqaf f'"Josies" Naxxar Road, Lija fl-4 ta' Lulju 2005.

"(2) tillikwida l-hsarat sofferti mis-socjeta' attrici rikorrenti fis-somma ta' Lm51,057.32 (wiehed u hamsin elf u sebgha u hamsin Lira Maltn u tnejn u tletin centezmu)

oltre l-imghax legali mill-4 ta' Lulju 2005 jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti.

"(3) Tikkundanna lill-konvenuti intimati jhallsu lill-attur rikorrenti s-somma ta' Lm51,057.32 oltre l-imghax legali mill-4 ta' Lulju 2005 jew somma ohra verjuri li giet likwidata minn din il-Qorti.

"Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali tal-25 ta' April 2006 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti intimati ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat huma insostenibbli fil-konfront tal-kumpanija assikurattrici intimata stante li l-kuntratt ta' assikurazzjoni li fuqha hija bbazata ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u li hija l-bazi tal-azzjoni attrici ma tirrendix lill-kumpanija intimata responsabbli ghall-hlas ta' hsarat sofferti mill-attur izda tobbligaha kontrattwalment li tindennizza lill-attur ghal xi telf minnha soffert bhala rizultat tar-riskji assikurati ghat-tenur u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt ta' assikurazzjoni.

"Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u l-eccezzjonijiet l-ohra, anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi koncess li t-talbiet attrici ghandhom jinftiehmu fis-sens li huma talbiet biex l-attur jigi indennizzat skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni (haga li ma hijiex ammessa), it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-imsemmija hsarat m'humiex koperti mill-polza ta' assikurazzjoni. Il-polza ta' assikurazzjoni in kwstjoni, numru 0036321258891 Shop Keepers Combined, hija polza fuq "specified perils basis". Taht is-sezzjoni dwar il-bini (Section 9) hemm specifikat illi "The Company shall indemnify the Insured in respect of Destruction Damage or Loss of or to the Property Insured <u>by any of the Perils numbered 1 to 8</u> under Section 1". L-attur ma ippruvax li l-hsarat li allegatament sofra gew ikkagunati minhabba xi riskju jew "peril" kopert taht il-kuntratt ta' assikurazzjoni anzi l-provi juru l-kuntrarju.

“Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-kumpanija intimata skond il-ligi.

“Bl-ispejjez kontra l-kumpanija rikorrenti li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Gunju 2010, li in forza taghha l-Qorti, wara li laqghet it-tieni eccezzjoni ta’ Middlesea Insurance plc, cahdet it-talbiet ta’ Josies Bathroom Centre Limited, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, is-socjeta’ attrici qed titlob minghand is-socjeta’ assikurattrici risarciment ghall-hsarat sofferti minnha meta waqa’ saqaf ta’ mahzen taghha. Is-socjeta’ intimata qed tichad li ghandha thallas dawk il-hsarat ghar-raguni li hi ma tista’ qatt tkun responsabbli ghad-danni, semmai tista’ tkun obbligata tindenniza lis-socjeta’ attrici. Tilqa’ ghall-kawza fil-mertu billi ssotni illi l-hsarat m’humiex koperti bil-polza ta’ assikurazzjoni.

“Il-Qorti mill-ewwel tiskarta l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ intimata li permezz taghha qed tghid li r-relazzjoni guridika taghha mal-attrici ma tista’ qatt tirrendiha responsabbli ghad-danni sofferti izda tista’ biss tobbligaha tindenniza lis-socjeta’ attrici ghat-telf minnha soffert. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, din l-eccezzjoni hija bbazata fuq formalizmu eccessiv. It-talbiet attrici huma cari u mfissra sewwa bizzejjed fir-rikors promotur, li huwa riflessjoni mhux ambigwa ta’ ness guridiku u talbiet konsegwenzjali f’dan is-sens. Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiskarta din l-ewwel eccezzjoni u tghaddi biex tikkonsidra l-kawza fil-mertu.

“Jirrizulta mill-provi illi s-socjeta’ Middlesea kienet harget polza ta’ assikurazzjoni favur Josie’s Bathroom Centre Limited. Din il-polza ggib Nru. 0036321258891 u tissejjah “Shopkeepers Combined Policy”. Fid-durata ta’ din il-polza, iggarraf is-saqaf tal-mahzen proprjeta’ tas-socjeta’

attrici u l-istess socjeta’ garrbet hsarat. Dawn il-fatti m’humiex kontestati u jirrizultaw ampjament mill-provi ukoll.

“Jirrizulta ukoll li l-imsemmi saqaf iggarraf minhabba difett fil-kostruzzjoni tieghu. L-ebda wiehed mill-partijiet ma kkontesta x-xhieda prodotta f’dan ir-rigward. Il-Perit Anthony Cassar, imqabbad mis-socjeta’ attrici jixhed hekk:

“Jidher li ma kellux supports bizzejjed. Dan ifisser illi s-saqaf ma kienx ingaljat bizzejjed, ghalkemm kien hemm ammont ta’ ingaljar ma kienx sufficjenti. ... tas-saqaf li kienet qed isserrah kienet parti dejqa. Jiena ma kejjiltux l-ammont ta’ ingaljar li kein hemm pero’ fuq ghajnejja nghid li ma kienx iktar minn pulzier u nofs. Fil-fehma tieghi, ir-ragunijiet ghalfejn waqa’ s-saqaf kien wahda nuqqas ta’ support kif diga’ spjegajt u two nuqqas ta’ hadid”.

“Il-Perit Alfred Grech, inkarigat mis-socjeta’ konvenuta ukoll jikkonferma:

“Il-bini kien sar wara li z-zewg appoggi kienu lesti. Jiena xorta nghid illi l-ingall li kellu dan il-bini fuq is-south side kien zghir hafna. Ma kienx fond bizzejjed biex is-saqaf ikun jista’ jigi ingaljat effettivament. Li gara hu li probabilment biz-zmien kien hemm xi caqliq li bini jkollu normalment, allura s-saqaf hareg mill-ingaljatura, minn postu u ikkollasa. Gruve tal-ingaljatura ma kinitx skond is-sengha, zgur li le”.

“Xehedet ukoll il-persuna li esegwiet ix-xogholijiet ta’ tiswija. Dan qal illi:

“Jiena direttur tas-socjeta` Rite Décor.  Wara l-incident mertu ta` din il-kwistjoni s-socjeta` tieghi kienet inkarigata biex tezegwixxi xi xogholijiet fis-showroom ta` Josies Bathroom.  Ix-xoghol kien dak li jidher fid-dokument a fol. 60 tal-process u jiena thallast ta` kollox, ta` dawn ix-xogholijiet.  Thallast minghand Josies Bathrooms.  Is-somma li tidher fuq din l-invoice Lm 10,928, korrezzjoni, l-ammont kien ta` Lm 10,978.72.  Kont mort nara l-post

kienu effettivament waqghu zewg soqfa. Is-saqaf ta` fuq kien waqa` fuq is-saqaf ta` tahtu u sfronda s-saqaf ta` tahtu. Ma baqghux nizlin fuq il-ground floor cioe` fuq il-garage. Kif morna rajna hafna hsara, il-faccata tas-showroom kienet sporguta 'l barra, l-apertura minghalija bieb ta` garage kien imkisser. Kien hemm ukoll hsara f`xi karozzi, l-imhazen kienu mimlijin u konsegwentement kien hemm hafna hsarat. Jiena klijent regolari ta` Josies Bathrooms u ghalhekk naf illi l-imhazen kienu mimlijin, ma nafx ezattament x`kien hemm. Naf illi meta bdejna x-xogholijiet taghna armejna hafna affarijiet imkissrin minn go l-imhazen. Kienu accessorji tal-kmamar tal-banju. Kellna nnehhu zewg soqfa fuq xulxin in arja. Nghid il-post jiena bl-esperjenza li ghandi fil-kostruzzjoni ndunajt mal-ewwel illi s-saqaf ma kienx ingaljat kif suppost. It-tulijiet mill-post lanqas kien hemm ingal ta` xejn u t-tul l-iehor kien fih forsi centimetru u nofs. Nahseb illi dak iz-zmien is-sid kien qabbad perit. Is-sistema dwar in-nuqqas ta` ingaljar indunajt biha jiena l-ewwel ghax jiena kont wiehed mill-ewwel persuni li mort fuq il-fond. Jiena nahseb jekk niftakar tajjeb illi mort hemmhekk anki qabel il-perit Cassar. L-ingaljar ma jkunx jidher jekk semplicement thares lejn bini lest. Is-saqaf kien kwazi in arja."

"F'dan ix-xenarju, il-problema li nqalghet kienet jekk l-akkadut kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni valida. Din il-polza, kif kontrattata bejn il-partijiet, fiha tlett taqsimiet – wahda tirrigwarda "Trade Contents", ohra "Employer's Liability" u ohra "Buildings". Fil-polza dawn jidhru bhala Sezzjoni Nru. 1, Sezzjoni Nru. 7 u Sezzjoni Nru. 9 rispettivament. Il-polza, prezentata in atti bhala Dok. A a fol. 4 tal-process setghet, kieku hekk riedu ftehmu l-partijiet, tinkludi sezzjonijiet dwar aspetti ohra tan-negozju. Madanakollu, il-partijiet ftehmu biss dwar dawn it-tlett sezzjonijiet, kif tajjeb jidher mic-cedola annessa mal-istess polza u esibita bhala Dok. A3 a fol. 22 tal-process.

"Il-polza tipprovdi illi:

“The Company will indemnify the Insured in respect of Destruction Damage or Loss of or to any of the Property Insured caused by any of the undermentioned Perils:

“1. FIRE LIGHTNING EXPLOSION EARTHQUAKE SUBTERRANEAN FIRE.

“2. AIRCRAFT and other aerial devices or articles dropped therefrom.

“3. IMPACT with the Property insured by and any road vehicle or animal not belonging to or under the control of the Insured or any person in or upon the Insured’s service.

“4. RIOT CIVIL COMMOTION STRIKERS LOCKED-OUT WORKERS or PERSONS taking part in LABOUR DISTURBANCES or MALICIOUS PERSONS but excluding:

a) Destruction Damage or Loss occasioned by or happening through confiscation or destruction or requisition by order of a Governement or any Public Authority.

b) The first Lm10 of each and every claim in respect of destruction or damage (other than by fire or explosion) directly caused by malicious persons not acting on behalf of or in connection with any political organisation.

“5. STORM TEMPEST or FLOOD but excluding:

c) The first Lm15 of each and every loss.

d) Destruction or damage by frost subsidence or landslip.

e) Destruction of or damage to fences gates and property in the open.

“6. BURSTING or OVERFLOWING OF WATER TANKS APPARATUS or PIPES but excluding the first Lm15 of each and every loss.

“7. THEFT or ANY ATTEMPT THREAT following upon or followed by forcible and violent entry or exit to or from the Premises.

“8. HOLD-UP BY VIOLENCE and/or THEREATS OF VIOLENCE to the Insured or his employees.”

Din il-lista ta’ perikli, fil-polza kif miftehma, tapplika kemm ghall-bini nnifsu kif ukoll ghal dak imsejjah “trade contents”.

“Qari akkurat tal-lista jwassal lil wiehed ghall-konkluzjoni li l-hsara kagunata minn difett ta’ kostruzzjoni ma kinitx koperta f’din il-lista.

“Il-Qorti ma tistax ma tikkondividix dak dikjarat mis-socjeta’ attrici u konfermat minn dik konvenuta li kuntratt ta’ assikurazzjoni ghandu jkun pernjat fuq bona fede sal-oghla grad – “uberrima fides”, u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal hafna decizjonijiet ta’ dawn il-Qrati fejn dan il-principju gie ampjament zviluppat fosthom. “Salvatore Sammut vs Middlesea Insurance plc (deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Mejju, 2004).

“Minhabba l-incertezza insita f’dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta’ bona fede. ... din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta’ uberrima fides hija mehtiega f’kull tip ta’ polza ta’ assikurazzjoni”.

“Madanakollu, fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum, ma tista’ ssib imkien li xi hadd mill-partijiet naqas b’xi mod mill-bona fede rikjesta. Il-polza de quo kienet inharget mis-socjeta’ attrici fuq rikjesta tal-Bank li kien ser isellef flus lis-socjeta’ attrici. Kienet harget snin twal qabel u baqghet tigi mgedda. Ma jirrizulta minn imkien li s-socjeta’ konvenuta b’xi mod qatt serrhet ras is-socjeta’ attrici li tigrif ghal xi kawza ohra minn dawk imsemmija seta’ qatt ikun kopert. Non-disclosure kif donnha qed tallega s-

socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ma tirrizulta minn imkien fil-provi. Kienet tkun storja ohra kieku gara hekk.

"Il-Qorti tinnota ukoll illi l-kliem tal-polza innifisha huwa kliem car u pjuttost semplici. Ir-riskji elenkati huma miktuba b'ittri kbar, tenut kont tal-importanza taghhom. Fid-dawl tal-principji li "pacto sunt servando", il-Qorti ma ssibx li dak li gara seta' jkun kopert.

"F'dan il-kuntest, il-Qorti ma ssib ebda gustifikazzjoni ghar-referenza ghall-principju "contra proferentem", li jidhol fix-xena jekk u meta tezisti ambigwita' fit-tifsira ta' xi frazi fil-kuntratt ta' assikurazzjoni, li mhux il-kaz fil-polza li hija mertu ta' din il-kawza.

"Is-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Carmel u Bernardette konjugi Bajada vs Middlesea Insurance Company Limited (5 ta' Ottubru 2001). Fil-fehma ta' din il-Qorti, iz-zewg kawzi ma jixxiebhux. Il-kawza kwotata kienet wahda dwar l-interpretazzjoni ta' "specified peril" u mhux dwar l-ezistenza o meno ta' xi "peril" partikolari, bhal ma hu dan il-kaz."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:
"… … … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 17 ta' Gunju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Midllesea Insurance Company Limited u thassarha u tirrevoka in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni taghha u ghalhekk tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tas-socjeta` esponenti appellanti u tikkundanna lis-socjeta` intimata appellata thallas is-somma ta' €118,931.56 ekwivalenti ghal Lm51,057.32 oltre` l-imghaxx kif mitlub fic-citazzjoni fir-rikors mahluf."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi din il-

Qorti ghandha tichad l-appell filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tas-17 ta’ Gunju, 2010, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpanija appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f’din il-kawza s-socjeta` attrici kellha polza ta’ assigurazzjoni mas-socjeta` konvenuta, u meta fl-4 ta’ Lulju, 2005, sfronda s-saqaf ta’ mahzen li ghandha f’Hal Lija, u garrbet diversi hsarat anke fl-accessorji tal-kmamar tal-banju li kellha fil-post, talbet li tigi rimborsata ghad-dannu li sofriet. Is-socjeta` konvenuta eccepiet fil-meritu illi l-imsemmija hsarat m’humiex koperti mill-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni. L-ewwel Qorti, wara li sabet li s-saqaf sfronda “minhabba difett fil-kostruzzjoni tieghu”, cahdet it-talba attrici peress illi l-polza ma kienitx tkopri hsarat minhabba din il-kawza.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza wara li osservat li hi talbet u inghatat polza ta’ assigurazzjoni “*sabiex ikopri l-fond kontra kwalsiasi hsara strutturali jew xorta ohra*” u allura tinsisti li tkun ikkumpensata ghall-hsara li sofriet.

Trattat l-appell, din il-Qorti, wara li ezaminat il-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni, tara li ma tistax taqbel mal-ilment tas-socjeta` attrici. Il-polza in kwistjoni ma tkoprix kontra kull hsara, izda tghid b’mod car illi s-socjeta` assiguratrici kienet qed tintrabat thallas ghal kwalunwe hsara jew telf li sehh “*by any of the perils numbered 1 to 8 under section 1*”. Dawn il-“*listed perils*” jinsabu elenkati fis-sentenza tal-ewwel Qorti, u ma jkoprux hsarat li jkunu rizultat ta’ difetti fil-kostruzzjoni tal-mahzen fejn is-socjeta` attrici zzomm l-istock taghha. Il-polza ta’ assigurazzjoni ma hijiex garanzija, izda kuntratt ta’ indenniz fil-kazijiet specifikati fil-kuntratt. Sa fejn taf din il-Qorti, jezistu poloz ta’ assigurazzjoni li jofru koperta kontra “*all risks*”, pero`, il-polza in kwistjoni mhix wahda minnhom.

Fil-fatt il-polza nnifisha, maghrufa bhala "Shop keepers Combined Policy", ghandha sezzjoni, dik bin-numru 11, li toffri kopertura kontra "*all risks*", pero`, meta s-socjeta` attrici talbet il-hrug tal-assigurazzjoni ma talbitx li tkun koperta taht dik is-sezzjoni. Hi ghazlet biss l-ewwel sezzjoni (trade contents), is-seba' sezzjoni (employers' liability) u d-disa' sezzjoni (builidings), u fuq il-valuri rispettivi inhadem il-premium. Kieku ghazlet ukoll il-hdax-il sezzjoni (all risks), dan kien jigi indikat, u l-premium joghla. Il-koperta ghall-bini, min-naha l-ohra, u kif diga` intwera kienet limitata ghall-"*perils*" stabbilita fl-istess polza, u din il-polza ma tistax tigi estiza biex tkopri kollox! Il-polza tghid, fil-bidu taghha, li "*All sections of this policy and the schedule shall be read together as one contract*", u hu fix-schedule li s-socjeta` attrici illimitat il-polza ghal tlett sezzjonijiet, b'mod li accettat li l-kopertura ma tkoprix kollox.

Hawn mhux kaz fejn trid issir referenza ghall-intenzjoni tal-partijiet, ghax il-kuntratt hu car fit-test tieghu, u ma jistax jigi estiz biex ikopri "*perils*" li ghalihom ma nhareg ebda kopertura. Polza li tkopri kull eventwalita` tkun zgur differenti minn dik in kwistjon; isiru hafna aktar indagini qabel ma tinhareg u l-premium ikun akbar milli thallas f'dan il-kaz.

Hu veru li kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wiehed *uberrima fides*, pero`, dan ma jfissirx li l-kuntratt jista' jigi estiz biex ikopri incidenti mhux kontemplati. Kif jinghadf fil-ktieb ta' Leigh-Jones, Birds and Owen, bl-isem "MacGillivray on Insurance Law" (10 ediz (2003) pagna 1). "*A contract of insurance is one whereby one party promises in return for a money consideration to pay to the other party a sum of money or provide him with some corresponding benefit, upon the occurrence of one or more specified events*".
(sottolinear ta' din il-Qorti)

Il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wiehed aleatorju, u marbut mar-riskji mahsuba fil-kuntratt, u xejn aktar. F'dan il-kaz jirrizulta wkoll li kien ufficjal tas-socjeta` attrici li ghazel x'tip ta' polza ried, inghata kopja tal-istess, hallas

il-premium relattiv ghal diversi snin u qatt ma talab revizjoni jew estensjoni tal-kopertura.  Hawn il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap. 403 tal-Ligijiet ta’ Malta) li, fid-definizzjoni taghha ta’ kuntratt ta’ assigurazzjoni jorbot ir-rimbors ghal xi telf jew hsara “*meta tigri grajja specifikata*”. F’dan il-kaz, hu car li ma sehhetx grajja specifikata fil-kuntratt u allura hu car li ma hemmx obbligu ta’ hlas fuq is-socjeta` assiguratrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` appellanti, Josies Bathroom Centre Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------